MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Numru 24/2003

Ir-Repubbklika ta Malta
Vs
**Jesmond Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 24 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Jesmond Cassar, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubbklika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-hdax (11) ta' Lulju, tas-sena elfejn (2000) fi Triq iz-Zurrieq, Birzebbugia f'xi hin bejn il-hamsa (5) p.m. u s-sitta (6) p.m. Jesmond Cassar, wara li kellu argument ma' Noel Abela dwar xi droga u stereo, l-istess Jesmond Cassar spara arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni ta' Noel Abela u dana dolozament bil-hsieb li joqtol lil Noel Abela jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'periklu car,**

**izda fortunatament Noel Abela ma ntlaqatx peress li s-senter ma hax.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Jesmond Cassar sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jesmond Cassar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap, illi fil-hdax (11) ta' Lulju, tas-sena elfejn (2000), Jesmond Cassar kellu f'idejh u fuqu arma tan-nar (senter) u munizzjoni minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu spara b'intenzjoni omicida fuq Noel Abela fi triq pubblika f'Bugia.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Jesmond Cassar sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jesmond Cassar hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.**

Rat il-verdett tal-gurati tas-16 ta' Marzu, 2005, li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Jesmond Cassar mhux hati tal-akkuza taht l-Ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, izda hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa w t' importanza zghira fuq il-persuna ta' Emmanuel sive Noel Abela , b' arma regulari.

U li bih, unanimament sabu lill-akkuzat Jesmond Cassar hati tal-akkuza taht it-Tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

**Tiddikjara lil Jesmond Cassar mhux hati skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza izda hati talli fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), fi Triq iz-Zurrieq, Birzebbugia, kkaguna offiza ta' natura hafifa w t' importanza zghira fuq il-persuna ta' Emmanuel sive Noel Abela , b' arma regulari .**

**Tiddikjara wkoll lil Jesmond Cassar hati talli fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), f' Birzebbugia, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar u munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;**

**Semghet ix-xhieda tas-Supratendent Martin Bayliss dwar iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan il-kaz;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Qieset is-sottomissjonijiet kollha dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur Dottor Joseph Brincat, li jinsabu** kollha **registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti w cioe' :- Li l-Qorti kellha tiehu konjizzjoni taz-zmien kollu li l-hati dam arrestat in konnessjoni ma dan il-kaz , anki wara li nghata l-liberta' provizorja , ghax il-mezzi tieghu limitati ma ppermettewlux li jaghti l-garanzija rikjesta' ; li l-hati hu ta' karattru twajjeb izda li facilment jigi mfixkel minn haddiehor; li hu ghandu tfal minn mara w dawn it-tfal qed tiehu hsiebhom ommu; li l-akkuza li garr arma bla licenzja is-soltu tigi dedotta quddiem il-Qrati tal-Magistrati fejn il-piena normalment tkun dik tal-multa w l-konfiska tal-arma ; li l-ghada tal-incident kien l-istess hati li mar ghand l-Ispettur Anglu Caruana d-Depot u qallu li kien zbalja f' dan l-incident u li r-reat taht it-tieni kap tal-att tal-akkuza kien serva bhala l-mezz ghall-fini tar-reat taht l-ewwel kap u ghalhekk kellu jigi assorbit fih ghall-fini tal-piena.**

**Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur Dottor Anthony Barbara li f' dan il-kaz il-piena trid tirrifletti l-gravita' tal-kaz u li kien hemm certa perikolozita' f' dak li ghamel il-hati f' dan l-incident li ghandu jigi konsidrat fl-isfond kollu tieghu . Il-Qrati ma kellhomx jidhru li qed jinkoraggixxu agir simili fejn wiehed jaqbad u jispara arma waqt argument f' post abitat, kif ghamel il-hati.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi r-reat li nstab hati tieghu taht l-ewwel kap jaqa' taht l-artikolu 221 (3) (a) Tal-Kodici Kriminali w hu punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa w dan minnhabba li sar b' arma regulari. Ir-reat taht it-tieni kap umbaghad hu punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn xaharejn sa sentejn skond l-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 66 u skond l-artikolu 27 tal-istess Ordinanza dwar l-Armi ma jistax jigi applikat xi provvediment skond l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin jew l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jaghmilha possibbli li l-Qorti tati piena li tkun inqas minn dik stabilita bil-ligi. Ghalhekk il-piena massima li tista' tinghata lill-hati f' dan il-kaz bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) hija dik ta' sentejn u sitt gimghat prigunerija.**

**Illi fil-fehma tal-Qorti l-argument li r-reat taht it-tieni kap serva bhala mezz biex isir ir-reat taht l-ewwel kap u ghalhekk ghandu jsir l-assorbiment u tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi, li f' dan il-kaz hu indubbjament dak taht it-tieni kap, ma jreggix. Dan ghaliex il-hati seta' ugwalment jikkommetti r-reat taht l-ewwel kap anki kieku kellu licenzja biex ikollu f' idejh jew fuqu arma w munizzjoni fil-waqt tal-incident u b'ebda mod t-tieni reat ma serva necessarjament bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' offiza hafifa w t'importanza zghira b' arma regolari. Izda hu reat separat w indipendenti mir-reat riskontrat bhala kompriz u involut fl-ewwel kap.**

**Illi mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-hati jirrizulta li hu kiser difrejh mall-ligi kemm il-darba w ghandu mhux inqas minn tlieta u ghoxrin (23) kundanna mill-Qrati li jvarjaw minn kazi ta' sewqan ripetut bla licenzja, ghal diversi kazijiet ta' reat kontinwat ta' serqiet aggravati minn postijiet differenti u ta' hafna karozzi, ricettazzjoni, tentattiv ta' ferita gravi, tentattiv ta' serq, kazijiet ta' pussess tad-droga eroina, forniment u pprokurar tad-droga eroina f' distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola jew post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh, kazijiet ripetuti fejn**

**zamm armi bla licenzja, ingurji u theddid lill-membri tal-korp tal-Pulizija , li ghamel hsara volontarja meta dahal u kisser l-ufficcji tal-gazzetta The People; li qatta widnejn ta' zewgt iklieb, kaz ta' ragion fattasi, ksur tal-probation u kommissjoni ta' reati ohra waqt periodi ta' sentenzi sospizi w recidiva.**

**Il-Qrati kemm il-darba wrew komprensjoni w klemenza mall-hati w hu kien gie liberat b' kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor mhux inqas minn seba' (7) darbiet u tpogga ukoll taht probation. Inoltre hu nghata sentenza ta' prigunerija sospiza erba (4) darbiet oltre d-diversi multi li hu wehel . Jidher pero' li dan kien kollu ghalxejn ghax il-hati baqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu xorta wahda. Fl-ahhar umbaghad kien addirittura sentenzjat ghal tlitt snin prigunerija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn ukoll gew attivati sentejn prigunerija ohra li hu kien wehel in forza ta' sentenza sospiza precedenti.**

**Fid-dawl ta' din il-kondotta hekk refrattarja l-Qorti ma tarax li tista' tapplika xi sentenza ta' prigunerija sospiza minnflok il-piena karcerarja mandatorja li hemm fil-kaz tal-htija taht it-tieni kap u ghalhekk il-piena trid tkun wahda karcerarja effettiva w fil-mizura li tirrispekkja kemm il-gravita' tal-incident kif ukoll il-kondotta arci-refrattarja tal-hati, s' intendi dejjem fil-parametri fuq delinejati.**

**Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 221 (3) (a), 217, 17 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) u l-artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Jesmond Cassar ghall-piena ta' sena w disa xhur prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv** BISS IN KONNESSJONI MA' DAN IL-KAZ;

**Tikkundanna inoltre lill-hati Jesmond Cassar li jhallas l-ammont ta' mitejn u wiehed u disghin Liri Maltin u tnejn u disghin centezmi (LM 291.92c) import tal-ispejjez kollha peritali in konnessjoni mar-reat.**

**Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-iskartocc esebit favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------